# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 24 ta' Frar 2022**

Appell numru 500/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Jassem AL TAHER**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Ġunju 2021 fil-konfront ta' Jassem AL TAHER (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 122200L) li ġie mixli talli:

   i) Nhar l-10 ta' Awwissu 2019 għall-ħabta ta' bejn l-12 hours u 13 hours minn ġewwa r-residenza bin-numru 46 Flat 5 li tinsab fi Triq Marsamxett Valletta flimkien ma' persuni oħra, ikkommetta serq ta' flus u apparat elettroniku liema **serq hu kkwalifikat bil-vjolenza diretta fuq il-persuna ta' Dolores Gauci li hija persuna anzjana ta' 69 sena, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-Ewro 2329.37 u bil-lok** li sar għad-dannu tal-familja Gauci u/jew ta' xi persuna/i oħra;

   ii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-Liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, arresta, żamm u ssekwestra lil

Dolores Gauci anzjana ta’ 69 sena liema persuna ġiet offiża fuq il-persuna tagħha u mhedda bil-mewt u dan bil-ħsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta’ ħwejjiġha;

iii) U aktar talli kkaġuna ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Dolores Gauci hekk kif iċċertifikata minn Dr. Mario Scerri;

iv) U aktar talli ġarr minn barra fond jew id-ditorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ u bil-ponta mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

v) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

vi) U talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Dt. Monica Vella LL.D. fid-digriet tagħha tas-27 ta’ Jannar a’ Marzu 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest;

vii) U aktar alli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Clare Stafrace Zammit LL.D. fid-digriet tat-2 ta’ Meju 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara li l-imputat qua appellant irreġistra ammissjoni nkondizzjonata u skont il-Liġi, sabet lill-istess ħati u kkundannatu għal perjodu kumplessiv ta’ tmien snin priġunerija u ħarġet ordni ta’ protezzjoni favur il-vittima Dolores Gauci ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, liema ordni ta’ protezzjoni għandha tibqa’ fis-seħħ għall-perjodu ta’ tlett snin minn meta l-imputat appellant ikun skonta din is-sentenza. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ordnat ukoll il-ħlas bin-nofs tal-ispejjeż li kellhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti f’dan il-każ.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant AL TAHER appella minn din is-sentenza fejn talab lill-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tilliberah mill-akkuża numru 7 u tikkonferma l-bqija ta’ dikjarazzjoni

ta' ħtija iżda tvarjaha billi tagħti piena aktar xierqa fiċ-ċirkostanzi u dan wara li stqarr is-segwenti:

i. Għalkemm l-ammissjoni ma saritx mill-ewwel, l-ammont ta' snin ta' priġunerija kienu eċċessivi. Għalhekk huwa minnu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tat il-piena li effettivament ordnat iżda piena anqas ħarxa kienet tkun aktar ekwa fil-konfront tal-appellant;
ii. Huwa prinċipju rassodat illi jista' jkun hemm riduzzjoni fil-piena fejn hemm ammissjoni bikrija;
iii. Effettivament l-appellant ippropona piena ta' ħames snin u ftit xhur u l-prosekuzzjoni, ġjaladarba kienu ġew deċiżi l-kawżi li għalihom saru riferenza fl-akkużi 6 u 7 ma nsistietx għal piena akbar;
iv. Issa huwa minnu li hawn mhux si tratta ta' ammissjoni mal-ewwel u l-proċess kien laħaq beda iżda ġara li l-appellant ammetta mal-ewwel opportunita' li kellu kif ra li l-mument li jbiddel ħajtu huwa issa. Għaldaqstant fuq dan il-binarju;
v. Dwar il-qbil bejn il-partijiet, huwa minnu li ma sar l-ebda patteġġjament formali fis-sens ta' verbal jew nota konġuntiva bejn il-partijiet. Kien hemm pero' trattazzjoni bi qbil bejn dwar il-piena applikabbli illi fl-opinjoni tal-appellanti kienet twassal għal piena ta' ftit aktar minn ħames snin priġunerija;
vi. Dwar l-aggravju fuq l-akkuża numru 7, għalkemm kien hemm ammissjoni sal-ġurnata li ngħatat is-sentenza l-kawża in mertu kienet laħqet ġiet deċiża u l-appellanti ġie minnha liberat minn dik l-akkuża kif ġie liberat fir-rigward tal-akkuża numru 6 għalkemm għal raġunijiet oħra.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi  għalkemm fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant qatt ma eċċepixxa n-nullita' tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Ġunju 2021 fil-konfront tiegħu mill-banda l-oħra, ġurisprudenza konsolidata tqis li l-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha s-setgħa sabiex, jekk u meta jkun il-każ, f'kull stadju tal-proċeduri tissoleva n-nullita' tas-sentenza appellata ex officio u dan allavolja l-appellant ma jkunx għamel aggravju f'dan is-sens. Hekk din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 1994 u **Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2005, fost oħrajn.

5. Illi għal fini ta' kjarezza qed tiġi riprodotta testwalment **il-parti dispożitiva** tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in diżamina:

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 86, 87(1)(ċ), 87(1)(e), 214, 215, 221(1), 221(3)(b), 261(a), 261(ċ), 261(e), 262(1)(a), 262(2), 263, 267, 269(g), 274(d), 275, 276, 276A, 277(a), 277(b), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2), 281(a), 533, 579(1) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6, 51(7) u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat issib **lill-imputat ħati**[1] u (1) tikkundannah **kumplessivament** għal tmien snin priġunerija effettivi u (2) ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma Dolores Gauci għal żmien tlett snin li tibda tiddekorri wara li l-imputat jiskonta din is-sentenza, u (3) tikkundanna lill-imputat milli jkollu liċenzja għall-ġarr tal-armi għal żmien sentejn li jibdew jiddekkorru wara li l-imputat jiskonta din is-sentenza u (4) ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat sabiex iħallas nofs l-ispejjeż tal-esperti kollha maħtura fl-inkjesta relattiva.

6. Illi skont ġurisprudenza daqstant ieħor assodata bażata fuq dak mistqarr mill-Imħallef William Harding fis-sentenza mogħtija nhar is-27 t'Ottubru 1962 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wiġi Azzopardi**, f'ċerti :

kontinġenzi d-dispositti v tas-sentenza jkun talment inxiddibilment marbut mal-motivazzjoni li jekk b'xi mod ikun dubbjuż għandu jieħu sens minnha... u kwindi hu loġiku, di fronti għat-termini ċari tal-paragrafu immedjatament preċedenti għad-dispożittiv, li dan, fid-dubju, jiġi interpretat skont il-motivazzjoni, anke għat-tenur tal-massima "in poenalibus benignius interpretandum est".

7. Issa din il-Qorti kienet tkun ben propensa li ssalva din is-sentenza - anke minħabba l-analiżi magħmula u d-dettall li daħlet fih il-Qorti tal-Maġistrati stess dwar il-piena li kellha tiġi erogata f'dan il-każ – li ma kienx għal fatt pero li d-dubju f'dan il-każ mhux daqstant wieħed biss ta' interpretazzjoni, iżda huwa mnissel minn kontradizzjoni bejn id-*decisum* u l-motivazzjoni nonche l-konklużjoni mistqarra mill-istess Qorti fi tmiem l-analiżi tagħha relattiva għas-sitt imputazzjoni.

8. Illi kemm f'sentenzi mogħtija minn Qrati ta' Ġustizzja Ċivili daqskemm f'sentenzi erogati minn Qrati ta' Ġustizzja Kriminali, sentenza ma għandhiex tkun tikkontjeni dispożizzjonijiet kontradittorji. Biex sentenza tkun validament attakkata jeħtieġ illi l-kontradizzjoni tkun mhux fil-motivazzjoni tas-sentenza, imma fil-parti dispożittiva, jew fil-konfront bejn il-motivazzjoni u l-parti dispożittiva. Biex imbagħad ikun jista' jingħad li fis-sentenza jkun hemm dispożizzjonijiet kontradittorji jeħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet

[1] L-enfasi tal-Qorti.

ikunu jeqirdu waħda lill-oħra b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu eżegwiti kollha. U meta d-dispożizzjoni tkun waħdanija, ma jistax ikun hemm dispożizzjonijiet kuntrarji fl-istess sentenza. Din ma għandhiex tkun sempliċiment kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-liġi li tkun pronunzjat ruħha l-Qorti fis-sentenza tagħha, iżda trid tkun bażata fuq deċiżjoni li jkun fiha kontradizzjoni in se, jew meta mqabla mal-motivazzjonijiet li jkunu waslu lil dik il-Qorti għad-*decisum* tagħha.

9. Huwa minnu li fil-proċedura penali Maltija, il-Qorti tal-Maġistrati mhix marbuta li tforni l-motivazzjonijiet li jkunu wasluha għad-*decisum* tagħha. U dawn il-Qrati ta' reviżjoni dejjem saħqu li, fejn u meta l-każ ikun jimmerita, ikun ferm għaqli għall-Qrati tal-Ewwel Istanza li jimmotivaw is-sentenzi tagħhom. Iżda mill-banda l-oħra meta dawk il-Qrati jagħmlu dan - aktar u aktar meta jagħżlu li jinkludu l-konklużjoni tagħhom wara l-espressjoni tal-motivazzjoni tagħhom – għandhom jaraw li imbagħad id-*decisum* għandu jkun jaqbel mal-konklużjoni li jkunu waslu għaliha fil-korp tas-sentenza tagħhom meta jkunu esprimew il-motivazzjonijiet tagħhom. F'każ fejn bejn il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti espressa wara l-parti motivazzjonali ma tkunx taqbel ma' dak li mbagħad ikun miktub minnha fil-parti dispożittiva b'mod li mhux biss ikun hemm kwistjoni ta' interpretazzjoni bejniethom iżda kontradizzjoni allura f'dak il-każ dik is-sentenza tkun tonqos mill-kjarezza legali meħtieġa minnha bil-konsegwenza li dik is-sentenza tiġi nulla.

10. Hekk ġara f'dan il-każ. Dak li jinftiehem mill-parti dispożitiva ċitata iżjed il-fuq huwa li, wara l-ammissjoni inkondizjonata irreġistrata mill-imputat appellant ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali u wara li l-Qorti għamlet analiżi dettaljata tal-artikoli tal-Liġi rilevanti li fuqhom kienu msejsa l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaddiet sabiex ssib lil AL TAHER ħati tal-imputazzjonijiet kollha u imponiet piena karċerarja **<u>komplessiva</u>** ta' tmien snin.

11. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet **elenku tal-artikoli tal-Liġi** li fuqhom kienu imsejsa l-imputazzjonijiet u għaddiet biex tagħmel **dikjarazzjoni ta' ħtija** għall-imputazzjonijiet miġjuba u imponiet piena **komplessiva** – u s'hemmhekk ma hemm xejn x'tiċċensura in kwantu hija mal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali billi semmiet il-fatti (b'referenza għall-imputazzjonijiet) li tagħhom kienet qiegħda ssib ħtija, l-artikoli tal-Liġi li fuqhom kienu bbażati l-imsemmija dispożizzjonijiet u mponiet il-piena. Dan huwa in linja wkoll ma' dak

mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Omissis Benjamino Camilleri** deċiża nhar il-31 ta' Ottubru 2013:

> Ovjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti illi taghhom l-appellant ikun gie misjub hati dana jfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjerazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa nutli illi ssemmi l-fatti, **jsegwi f'kaz ta' mputazzjoni multipla illi l-Qorti jew taghti piena wahda komplessivament jew inkella ssemmi wahda wahda l- imputazzjonijiet u taghti l-piena skont il-kaz.**[2]

12. Biss f'paġna 8 jirriżulta li minkejja dak li stqarret fil-parti dispożitiva tas-sentenza : fejn iddikjarat li **qiegħda ssib lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u fejn allura imponiet piena komplessiva**, għal dak li jirrigwarda **s-sitt imputazzjoni**, dik il-Qorti stqarret hekk:

> Illi fir-rigward tal-akkużi fil-paragrafu 6 li taqra: ''Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. fid-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest. Artikoli 579 (1)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta', id-Difiża esebiet sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-18 ta' Jannar 2021 fejn l-imputat kien ġia akkużat b'tali akkuża u ingħata s-sentenza relativa. **Konsegwentement din il-Qorti mhux se tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuża.**[3]

13. Dan ifisser li bejn il-parti dispożittiva tas-sentenza in diżamina u l-konsiderandi marbuta mas-sitt imputazzjoni hemm kontradizzjoni li inevitabilment toħloq ġudizzju inċert. L-inċertezza titnissel mill-fatt li f'nifs minnhom il-Qorti tgħid li mhux se tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru sitta, mentri fil-parti dispożittiva tiddikjara lill-imputat appellant – b'mod indiskriminat – ħati, u mbagħad imponiet piena b'mod komplessiv. Il-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tispeċifika b'mod ċar li kienet qed issib ħtija fl-imputat appellant fir-rigward tal-imputazzjonjiet miġjuba kontra tiegħu għajr ħlief għas-sitt imputazzjoni li dwarha ma kienetx qed tieħu konjizzjoni ulterjuri għar-raġuni miġjuba minnha. Il-Qorti ma speċifikatx din l-eċċezzjoni fil-parti dispożittiva tas-sentenza tagħha u minflok sabet lill-"**imputat ħati u (1) tikkundannah kumplessivament ghal tmien snin prigunerija effettivi u (2)....**"

14. Jekk l-intenzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienet li ssib lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu għajr ħlief għas-sitt imputazzjoni - in kwantu altrimenti ma kienetx tagħmel

[2] L-enfasi ta' din il-Qorti.
[3] L-enfasi ta' din il-Qorti.

il-premessa-konklużjoni li ma kienetx se tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni – allura hija kellha tgħid dan fil-parti deċiżjonali tas-sentenza u b'hekk tagħlaq iċ-ċirku; u mhux tħalli ċ-ċirku miftuh, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ. U huwa dan fil-fatt li jirrendi din is-sentenza inċerta. Ladaraba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) esprimiet ruħha fil-korp tas-sentenza b'mod ċar b'riferenza għal waħda jew iżjed mill-imputazzjonijiet miġjuba u kunsidrata minnha, wieħed jistenna lil dik il-Qorti li fil-parti deċiżjonali żżomm mal-linja li tkun ħadet preċedentement u mhux li tiddeċiedi li ssib lill-imputat ħati – mingħajr distinzjoni bejn imputazzjoni u oħra, u fuq kollox timponi piena komplessiva – li allura tmur kontra dak li tkun stqarret immedjatament qabel fil-motivazzjonijiet tagħha. Din il-kontradizzjoni tista' tissarraf biss f'konfużjoni f'moħħ il-Ġudikabbli. U l-inqas ħaġa li l-Ġudikabbli għandu jaffaċċja f'ġudizzju penali hija l-inċertezza bejn il-*motiva sententiae* u d-*decisum* ta' Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-kontradizzjoni twassal inevitabbilment għan-nullita tas-sentenza appellata.

# Deċide

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u wara li qieset in-natura tal-każ, mhux l-anqas is-sentenza li ġiet inflitta, biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**